MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-2 ta' Mejju, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 108/15LM

**Lawrence Formosa (ID 742635M)**

**vs.**

**Maria Jose Dos Santos Assad-Beaney (74296A)**

**u**

**In-Nutar Dottor Sam Abela (ID 227783M) għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Frar, 2015 mill-attur **Lawrence Formosa** (minn issa 'l quddiem "l-attur") fejn għar-raġunijiet hemmhekk premessi talab illi din il-Qorti:

*"1. Tiddikjara illi l-lift installat fil-blokk ta' appartamenti 35, Fort Mansions, Triq Tigne, Sliema llum jinsab irreġistrat mat-Technical Regulations Division fi ħdan il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority u li b'hekk ukoll ġie sodisfatt il-patt kontrattwali rigwardanti l-istess lift hekk kif kontenut fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela datat 2 ta' Awwissu, 2012;*

*2. Konsegwentement tiddikjara illi s-somma ta' €3,000 preżentement miżmuma f'idejn in-Nutar Dottor Sam Abela abbażi tal-kuntratt datat 2 ta' Awwissu, 2012 (recte) għandha tiġi liberament rilaxxjata mill-istess Nutar Dottor Sam Abela f'idejn Lawrence Formosa.*

*3. Tordna lin-Nutar Dottor Sam Abela sabiex jirrilaxxja l-isemmija somma a favur tal-esponenti."*

Rat il-verbal tas-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2015 fejn l-Avukat Massimo Vella għall-attur ippreżenta u qara Nota ta' Ċessjoni fejn ċeda t-talbiet tiegħu limitatament fil-konfront tal-konvenut Nutar Dottor Sam Abela. Din in-Nota ta' Ċessjoni[1] taqra kif ġej:

*"Illi wara li nfetħet il-kawża odjerna, in-Nutar Dottor Sam Abela ddepożita s-somma minnu miżmuma, mertu ta' din il-kawża, fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz ta' Ċedola ta' Depożitu Numru 401/2015, u dana skont ma jidher mill-anness Dok. 'SA1'.*

[1] A fol. 33 tal-proċess.

*Illi għaldaqstant illum il-ġurnata l-esponenti m'għadx għandu interess li l-kawża titkompla fil-konfront tan-Nutar Dottor Sam Abela.*

*Għaldaqstant, bil-preżenti nota, l-esponenti qiegħed iċedi t-talbiet tiegħu limitatament fil-konfront tan-Nutar Dottor Sam Abela, filwaqt li jżomm fermi t-talbiet tiegħu, fil-konfront tal-konvenuta l-oħra Maria Jose Dos Santos Assad Beany (ID 74296A)."*

Rat in-Nota[2] ppreżentata mill-konvenuta **Maria Jose Dos Santos Assad-Beany** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") fl-1 ta' April, 2016 li permezz tagħha ammettiet il-kawża kif dedotta u tat il-kunsens tagħha sabiex id-depożitu msemmi jiġi debitament rilaxxjat. Din in-Nota saret mingħajr preġudizzju għall-pretenzjonijiet tal-konvenuta kontra l-attur naxxenti minn kull skrittura u kuntratt li sar bejnha u l-istess attur.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2016 fejn deher l-avukat tal-attur li talab li din il-kawża titħalla għas-sentenza in vista tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta t-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati fil-konfront tal-istess konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad-Beany.

[2] A fol. 57 tal-proċess.

**Decide**

1. **Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvent Nutar Dottor Sam Abela u dan fid-dawl tan-Nota ta' Ċessjoni ppreżentata mill-attur limitatament fil-konfront tal-istess konvenut Nutar Dottor Sam Abela;**

2. **Tiddikjara illi l-lift installat fil-blokk ta' appartamenti 35, Fort Mansions, Triq Tigne, Sliema llum jinsab irreġistrat mat-Technical Regulations Division fi ħdan il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority u li b'hekk ukoll ġie sodisfatt il-patt kontrattwali rigwardanti l-istess lift hekk kif kontenut fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela datat 2 ta' Awwissu, 2012;**

3. **Tiddikjara illi s-somma ta' €3,000 li kienet miżmuma f'idejn in-Nutar Dottor Sam Abela abbażi tal-kuntratt datat 2 ta' Awwissu, 2012 u li sussegwentement ġiet iddepożitata mill-istess Nutar Sam Abela fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' Ċedola ta' Depożitu Numru 401/2015, għandha tiġi liberament rilaxxjata f'idejn l-attur Lawrence Formosa.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad-Beany.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------